**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SITT LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 24 – IT-TNEJN, 17 TA' OTTUBRU 2011 FIL-5.30PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Rita Saliba | Kunsilliera |
| Joan Farrugia | Kunsilliera |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Antoine Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Marica Bayliss | Kunsilliera |
| Violet Bajada | Kunsilliera |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużat

| | |
|---|---|
| David Dalli | Viċi Sindku |

**1 *Tender* Ftuħ tal-*Public Convenience***

1.1 Ġie deċiż li tingħata *direct order* għal xahrejn, biex tinfetaħ il-latrina ta' San Ġwann lis-Sur Dassier Borg, jekk id-dipartiment jgħarrafna li *tender* SGNLC/T/04/11 trid terġa' tinħareġ. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

2.1 Ġie deċiż li jsir eżerċizzju fuq il-*litter bins* madwar il-lokalità biex jiġu irranġati u jiċċaqalqu dawk li hemm bżonn, u jinbidlu dawk li hemm bżonn.

2.2 Ġie deċiż li tissewwa t-*traffic island* li ġiet milquta minn karozza fi Triq il-Baħar l-Iswed kif ukoll il-bankina fi Triq is-Santwarju.

2.3 Ġie deċiż li tintalab laqgħa bejn is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u r-rappreżentanti tal-Green Pak rigward il-possibiltà li l-Kunsill jibda jagħmel użu mis-servizzi tagħhom.

2.4 Ġie deċiż li l-iskips għal skart domestiku jitneħħew kollha, u s-servizz jiġi *door- to-door* biss. .

Is-Sinjura Violet Bajada skużat ruħha mill-laqgħa.

2.5 Saret diskussjoni rigward it-talba ta' 153, Emerald, Triq Santa Margerita, rapport tal-Perit Numru 2802/11. Kien hemm qbil unanimu li x-xogħol li mitlub ma jsirx mill-Kunsill.

2.6 Saret diskussjoni rigward il-ħsara li hemm fil-*fence* ta' madwar il-*cartruts*. Il-Kunsilliera Marica Bayliss ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill li kemm il-ħsara tal-*fence* kif ukoll il-ħsara li hemm fil-bieb tal-librerija se jissewwew mill-Ministeru tal-Edukazzjoni. Kien hemm qbil unanimu.

2.7 Saret diskussjoni fuq *Measure 125* mill-*Majjistral Action Group Foundation*. Il-Kunsill qabel li jiddentifika toroq użati mill-bdiewa li jistgħu jibbenifikaw minn dawn il-fondi.

**3 *Tenders* u Kwotazzjonijiet**

3.1 Ġie deċiż li Kwotazzjoni Numru SGNLC/Q/16/11 – Tabelli tat-Traffiku, terġa' tinħareġ b'BOQ ġdida. Tlabna wkoll għall-i*specifications* taż-żebgħa.

3.2 Rigward *Tender* SGNLC/T/02/11, ġie deċiż li tintalab il-*Health and Safety Report*, skont il-parir tal-Perit. Għandha tittieħed deċiżjoni l-laqgħa li jmiss

3.3.1 Saret diskussjoni fuq *Tender* SGNLC/T/05/11 Misraħ Awrekarja. Ġie innutat ir-rapport tal-Perit li l-Kumpanija Dimbros kellha żball fit-total tal-offerta tagħhom. Din l-offerta ġiet aktar ogħlja minn tal-Kumpanija Camray.

3.3.2 Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis ippropona li l-offerta tal-Kumpanija Camray tiġi aċċettata. Il-Kunsilliera Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 6 voti favur u 1 kontra.

3.4 Ġie deċiż li t-*Tender Refurbishment Works at Housing Authority Blocks* terġa' tinħareġ minħabba li ħadd ma tefa' offerti ghal din it-*tender*.

**4 Ingaġġ ta' żewġ Skrivani Skala 15**

Ġie maħtur il-Bord biex jagħmel l-*interviews* lill-kandidati. Il-Bord huwa magħmul mis-Sindku Etienne Bonello Du Puis, is-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsilliera Joan Farrugia, il-Kunsillier Mikhail Micallef u rappreżentant mill-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara.

**5 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 31 ta' Ottubru fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |